## Servizzi ta' Taħriġ

It-taħriġ hu parti mill-proċess ta' tagħlim għal matul il-ħajja kollha. Dan huwa importanti peress li s-suq tax-xogħol qiegħed jinbidel kontinwament u jesiġi li l-individwi jaġġornaw il-ħiliet tagħhom.

## L-Apprentistat

**Skemi ta' apprentistat:**
L-iskemi ta' l-apprentistat huma sistemi ta' taħriġ fejn l-apprentisti isegwu t-tagħlim f'istituzzjoni ta' edukazzjoni vokazzjonali filwaqt li jagħmlu taħriġ strutturat fuq il-post tax-xogħol fi stabbiliment ta' min iħaddem approvat mill-Korporazzjoni tat-Taħriġ (ETC).

**Hemm żewġ skemi ta apprentistat:**
1. Technician Apprenticeship Scheme (TAS)
2. Extended Skill Training Scheme (ESTS)

Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) tidħol fi ftehim ma l-apprentist, u dak li jipprovdi t-taħriġ (magħruf ukoll bħala min iħaddem). F'dan il-ftehim ikun hemm id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-partijiet kollha matul l-apprentistat.

### It-Technician Apprenticeship Scheme (TAS)

It-TAS, tipprovdi apprentistat ta' erba' snin lill-persuni ta' sittax-il sena u aktar. Is-snajja taħt it-Technician Apprenticeship Scheme, huma:

- Tekniċi Agrikolu
- Tekniċi tal-Computer Hardware
- Tekniċi ta' l-Inġinerija Mekkanika
- Draughtsperson
- Tekniċi ta' l-Inġinerija Elettrika u Elettronika
- Tekniċi ta' l-Arti u d-Disinn
- Tekniċi ta' l-Elettronika Industrijali
- Tekniċi tal-Vetturi bil-Mutur
- Tekniċi tas-Sħana, Ventilazzjoni u l-Arja Kundizzjonata
- Tekniċi ta' l-Inġinerija Elettronika u tat-Telekommunikazzjoni

## L-Extended Skill Training Scheme (ESTS)

L-ESTS toffri firxa wiesa ta' opportunitajiet lill-persuni ta' sittax-il sena u akbar li huma lesti li jitgħallmu sengħa f'livell ta' craftsperson. It-tul ta' apprentistat skond din l-iskema ivarja minn sentejn sa erba' snin skond is-sengħa li wieħed ikun qed isegwi. Is-snajja taħt din l-iskema jinkludu:

- **Snajja Agriokoli:**
  Ortikultura, Trobbija ta' l-Annimali
- **Snajja ta' l-Elettriku:**
  Installar ta' l-Elettriku, Fitter fil-Provediment ta' Servizzi Elettroniċi
- **Snajja tal-Mekkanika**
  Fitter Mekkaniku, Fitter tal-Manutensjoni ta' l-Impjant,
  Fabrikazzjoni (Sheet Metal jew Welding),
  Mekkanik tal-Vetturi bil-Mutur,
  It-Tiswija tal-body tal-vetturi (inkluż sprejjar),
  Plumber / Pipe Worker,
- **Snajja ta' l-Artiġjanat**
  Disinjatur Grafiku, Ċeramista, Tinqix fil-Ġebel, Ġojjelerija, Skultura fl-injam
- **Snajja tal-Bini**
- **Snajja ta' tal-wirt storiku**
- **Snajja tas-Servizzi Personali**
  Hairdresser, Terapista tas-sbuħija
- **Snajja ta' l-ospitalità**
  Commis Chef, Commis Waiter
- **Snajja tal-Istampar**
  Stampatur (Pre-Press, Off-set, Letter-Press, Print Finisher)
- **Snajja tal-Mastrudaxxa** (inklużi Spray Finishing, Tapezzerija)

L-applikazzjonijiet tad-dħul u l-firxa tal-korsijiet jiġu ppublikati fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-Prospectus kemm tal-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) kif ukoll mill-MCAST.

Il-Korporazzjoni flimkien mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Federazzjoni ta' l-Industrija u l-Korporazzjoni ta' l-Iżvilupp ta' Malta tmexxi wkoll in-***Night Institute for Further Technical Education (NIFTE)***. L-Istitut jipprovdi taħriġ kemm għall-impjegati kif ukoll għal dawk qiegħda bil-għan li jkabbru l-ħiliet tagħhom skond il-ħtieġijiet ta' l-industrija. Aktar minn hekk, il-Korporazzjoni għandha wkoll diversi possibilitajiet aprentistat, li huma żviluppati mill-ETC bi sħab ma' min iħaddem, l-għaqdiet tagħhom u korpi professjonali oħrajn.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lit-Taqsima tas-Servizzi tat-Taħriġ**

| | |
|---|---|
| Indirizz: | **Uffiċju Ewlieni, ETC, Ħal Far BBG 06** |
| Telefon: | 2220 1100 |
| Indirizz elettroniku: | etc@org.mt |
| Sit elettroniku: | www.etc.gov.mt |

# bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja





## Korsijiet Full-time

- **Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST)**

L-MCAST joffru varjetà ta' korsijiet kemm full time kif ukoll part time.

Tista' ssib deskrizzjoni kompluta tal-korsijiet u tal-kriterji tad-dħul billi żżur is-sit elettroniku www.mcast.edu.mt jew billi tikseb kopja tal-prospectus ta' studji mill-uffiċċji ta' l-MCAST.

**Għal aktar informazzjoni:**
Indirizz: **MCAST Main Campus, Telgħa ta' Korradino, Paola PLA 08.**
Telefon: 2180 1590 / 1
Indirizz elettroniku: information@mcast.edu.mt
Sit elettroniku: www.mcast.edu.mt

**L-Istituti ta' Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) jinkludu:**

1. L-Istitut ta' L-Inġerija Mekkanika
2. L-Istitut ta' l-Inġinerija Elettrika u Elettronika
3. L-Istitut ta' l-Inġinnerija tal-Bini u tal-Kostruzzjoni
4. L-Istitut tat-teknoloġija ta' l-Informatika u l-Kommunikazzjoni
5. L-Istitut tan-Negozju u l-Kummerċ
6. L-Istitut ta' L-Arti u d-Disinn
7. L-Istitut Marittimu
8. L-Istitut għas-Servizzi fil-Kommunità
9. L-Istitut tan-Negozju u ta' l-Agrinegozju
10. Ċentru ta' Għawdex

### 1. L-Istitut ta' L-Inġerija Mekkanika

L-Istitut fl-Inġinerija Mekkanika ta' l-MCAST joffri numru ta' korsijiet vokazzjonali li jkopru għadd ta' dixxiplini fl-oqsma kollha ta' l-Inġinerija Mekkanika. L-Inġinerija Mekkanika hija aspett siewi u importanti fil-bażi ta' l-ekonomija moderna. Il-korsijiet offruti fl-Istitut ta' l-Inġinerija Mekkanika jippreparaw l-istudenti għall-karriera fit-teknolo[ija moderna fis-settur ta' l-inġinerija. L-istitut ta' l-Inġinerija Mekkanika joffri wkoll korsijiet fl-Inġinerija tal-vetturi li jinkludi wkoll xog]ol ta' tellar u ta' sprejjar (spray) tal-vetturi.

**Għal aktar informazzjoni:**
Indirizz: **MCAST Main Campus, Telgħa ta' Korradino, Paola PLA 08.**
Telefon: 2166 1001, 2166 0993, 2166 0995
Indirizz elettroniku: ime@mcast.edu.mt

**2. L-Istitut ta' l-Inġinerija Elettrika u Elettronika**

l-Istiut ta' l-Inginerija Elettrika u Elettronika joffri korsijiet f'livelli differenti u li jitolbu kwalifiki ta' dħul differenti. Dan jagħti l-opportunità lil ħafna studenti li jsegwu korsijiet f'dan il-qasam. Il-korsijiet offruti minn dan l-Istitut iwasslu għal varjetà ta' opportunitajiet ta' impjiegi fl-industrija tal-manifattura, servizzi u SME's (intrapriżi żgħar u medji).

**Għal aktar informazzjoni:**

Indirizz: **MCAST Main Campus, Telgħa ta' Korradino, Paola PLA 08.**
Telefon: 2182 3657, 2180 3657
Indirizz elettroniku: eei@mcast.edu.mt

## 3. L-Istitut ta' l-Inġinnerija tal-Bini u l-Kostruzzjoni

L-Istitut ta' l-Inġinnerija tal-Bini u l-Kostruzzjoni jaħseb għal korsijiet li jħejju għal karriera ta' bosta tipi ta' xog]ol fl-Industrija tal-Bini, mid-disinn sal-kostruzzjoni.

**Għal aktar informazzjoni:**

Indirizz: **MCAST Naxxar Campus, Naxxar NXR 04.**
Telefon: 2142 3626 / 7
Indirizz elettroniku: ibce@mcast.edu.mt

## 4. L-Istitut tat-Teknoloġija ta' l-Informatika u l-Kommunikazzjoni

Il-korsijiet mg]allma fl-Istitut tat-Teknolo[ija ta' l-Informatika u l-Kommunikazzjoni jipprovdu g]arfien biex l-individwi ja]dmu bit-teknolo[ija li qed issawwar il-futur u d-dinja li ng]ixu fiha. Id-Diplomi fl-istudji tal-kompjuter li joffri dan l-istitut huma mfassla biex i]ejju l-istudenti b'tag]rif siewi u ]iliet prattiċi, biex ikunu jistg]u jiksbu suċċess f'karriera f'dan il-qasam.

**Għal aktar informazzjoni:**

Indirizz: **MCAST Main Campus, Telgħa ta' Korradino, Paola PLA 08.**
Telefon: 2166 8129, 2166 8130
Indirizz elettroniku: ict@mcast.edu.mt

## 5. L-Istitut tan-Negozju u l-Kummerċ

Dan l-istitut joffri varjetà ta' korsijiet vokazzjonali u jinkura[[ixxi kontinwament l-ispirtu ta' dedikazzjoni, innovazzjoni, u intrapriża.

**Għal aktar informazzjoni:**

Indirizz: **MCAST Main Campus, Telgħa ta' Korradino, Paola PLA 08.**
Telefon: 2182 7270, 2180 9468, 2166 6425
Indirizz elettroniku: ibac@mcast.edu.mt

## 6. L-Istitut ta' L-Arti u d-Disinn

Il-kamp ta' l-Arti u d-Disinn jitlob kemm talent kif ukoll ]ila teknika. Il-korsijiet offruti fl-Istitut ta' l-Arti u d-Disinn jipprovdu pedament sod fl-istudji viżivi u dawk ta' natura prattika. L-edukazzjoni fl-arti, fl-artiġjanat u fid-disinn tħarreġ studenti li għandhom għal qalbhom xi professjoni marbuta ma' din il-linja vokazzjonali.

**Għal aktar informazzjoni:**

Indirizz: **L-Istitut ta' l-Arti u d-Disinn, Targa Gap, Mosta.**
Telefon: 2141 2783
Indirizz elettroniku: adi@mcast.edu.mt

## 7. L-Istitut Marittimu

L-Istitut Marittimu ta' l-MCAST hu l-unika istituzzjoni f'Malta akkreditata u li għandha f'idejha l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-baħħara. L-Istitut Marittimu jagħti l-opportunità għal karriera fuq il-ba]ar bħala fizzjali u baħħara fuq bastimenti merkantili. Wara li jkunu għamlu test tal-ħila fiżika u eżami mediku, il-kandidati li jgħaddu jibdew tliet snin bi grad ta' Kadetti fin-Navigazzjoni jew Kadetti fl-Inġinerija. Wara li jispiċċaw is-servizz meħtieġ ta' fuq il-baħar, il-fizzjali li jixtiequ javvanzaw iktar fil-karriera jingħataw l-opportunita li jagħmlu korsijiet li jwasslu għall-Chief Mate u Kaptan ta' bastimenti merkantili, jew Sekond Inġinier u Chief Engineer. Dawn iċ-ċertifikati ta' kompetenza magħrufa mid-Direttorat tat-Tbaħħir Merkantili ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta huma rikonoxxuti internazzjonalment.

L-iskola tmexxi wkoll programm komplet ta' taħriġ għall-benefiċċju tas-sidien dilettanti tal-bħejjeċ tal-baħar għad-divertiment, kif ukoll korsijiet għall-kaptani tal-jottijiet u għall-operaturi ta' l-inġenji kummerċjali li jbaħħru mal-kosta.

**Għal aktar informazzjoni:**

Indirizz: **L-Istitut Maritimu, Villa Portelli, Triq Marina, Kalkara.**
Telefon: 2180 6467, 2180 9004
Indirizz elettroniku: maritime@mcast.edu.mt

## 8. L-Istitut għas-Servizzi fil-Kommunità

L-Istitut għas-Servizzi fil-Kommunità joffri korsijiet għall-istudenti li huma interessati li jagħtu servizz essenzjali lill-komunità. Dawn jinkludu servizzi:

- Fix-Xagħar u Sbuħija - Il-korsijiet tax-Xagħar u Sbuħija joffru opportunitajiet għad-dħul fl-Industrija tax- Xagħar u Sbuħija.
- Kura u Saħħa - Il-Korsijiet ta' Kura joffru korsijiet għal min jixtieq ja]dem ma' tfal żgħar f'nursery, jew ma' l-anzjani, jew fis-settur tas-saħħa.
- Sport u ħin liberu - Il-kors fl-Isport u ħin Liberu huwa offrut għal dawk li jixtiequ jaħdmu f' Gyms u Kumplessi Sportivi.

**Għal aktar informazzjoni:**

| | |
|---|---|
| Indirizz: | **L-Istitut għas-Servizzi fil-Kommunità, Triq Rudolph, Sliema.** |
| Telefon: | 2131 0179 |
| Indirizz elettroniku: | ics@mcast.edu.mt |

## 9. L-Istitut tan-Negozju u ta' l-Agrinegozju

Dan l-Istitut jieħu ħsieb għadd ta' korsijiet vokazzjonali. L-għan tiegħu hu li jiżviluppa u jipprovdi korsijiet li jwasslu għal opportunitajiet ta' karriera fis-Settur tan-Negozju Agrikolu.

**Għal aktar informazzjoni:**

| | |
|---|---|
| Indirizz: | **L-Istitut tan-Negozju u ta' l-Agrinegozju Triq Luqa, Qormi.** |
| Telefon: | 2125 7006 |
| Indirizz elettroniku: | agribusiness@mcast.edu.mt |

## 10. Ċentri ta' Għawdex

Dawn iċ-Ċentri joffru opportunitajiet tajbin fl-edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ lill-istudenti Għawdxin. Dawn iċ-ċentri jipprovdu lil l-istudenti Għawdxin li jkunu spiċċaw l-iskola obbligatorja b'alternattivi oħra billi joffru għażla kbira ta' korsijiet għall-istudenti Għawdxin.

**Għal aktar informazzjoni:**

| | |
|---|---|
| Indirizz: | **Ċentru ta' Għawdex, 132, Triq it-Tiġrija, Xagħra XRA 104, Għawdex.** |
| Telefon: | 2155 6275 |
| Indirizz elettroniku: | godwin.grech@mcast.edu.mt |
| Indirizz: | Ċentru ta' Għawdex, Triq il-Ħamrija, Xewkija, Għawdex |
| Telefon: | 2156 4146, 2155 1529 |
| Indirizz elettroniku: | gozocentre@mcast.edu.mt |

## Edukazzjoni Kontinwa

L-istruttura tal-MCAST tinkoraġġixxi studenti mhux kwalifikati li jkomplu javvanzaw minn livell għall-ieħor u saħansitra li jkomplu jsegwu korsijiet ta' livell ogħla speċjalizzat f'Malta.

L-għan ta' l-MCAST huwa li jipprovdi opportunitajiet edukattivi u għat-taħriġ vokazzjonali, lin-nies ta' kull età. Filfatt l-MCAST joffri korsijiet ta' fil-g]axija fuq bażi part-time għal kull min huwa nteressat li jitgħallem snajja' ġodda.
Għal aktar infomazzjoni tistgħu izzuru ċ-ċentru ta' Informazzjoni, li jinsab fil-Kampus ewlieni ta' l-MCAST. Hemmhekk ting]ata l-informazzjoni u pariri dwar il-korsijiet kollha full-time u part-time li jsiru fid-diversi istituti ta' l-MCAST.

### Korsijiet Part-time

Se jibda programm ġdid ta' korsijiet part-time minn Settembru 2006. Dan jista' jinkiseb minn:

| | |
|---|---|
| Indirizz: | **MCAST Main Campus, Telgħa ta' Korradino, Paola PLA 08.** |
| Telefon: | 2180 6440 |
| Indirizz elettroniku: | kevin.bonnici@mcast.edu.mt |
| Sit elettroniku: | www.mcastshortcourses.gov.mt |

- ### Institute of Tourism Studies (ITS)

L-għan ta' l-Institute of Tourism Studies hu li jipprovdi taħriġ vokazzjonali u li jipprovdi lill-Industrija tat-Turiżmu b'persuni mħarrġa fuq livelli internazzjonalli.
L-Institute of Tourism Studies:

- Jipprovdi l-opportunità ta' esperjenza ta' xogħol fl-industrija
- Joħloq ambjent simili għal dak tax-xogħol
- Jagħti taħriġ f'firxa ta' ħiliet prattiċi
- Joffri taħriġ f'varjetà ta' suġġetti akkademiċi
- Jgħin biex jiġu żviluppati dawk il-ħiliet importanti biex wieħed jidħol fid-dinja tax-xogħol. L-Institute of Tourism Studies (ITS) jipprovdi lill-istudenti bil-ħiliet u t-tagħlim neċessarju biex ikunu jistgħu jiksbu impjieg fl-Industrija tat-Turiżmu u ta' l-Ospitalità.

**Il-Faċilitajiet ta' ITS**

L-ITS għandhom żewġ ċentri f'Malta u ċentru ta' taħriġ f'Għawdex. Dawn iċ-ċentri għandhom ristorant u kċina għall-użu ta' l-istudenti. L-istudenti jistgħu ukoll jagħmlu użu minn laboratorju tal-kompjuters u mill-faċilitajiet ta' librerija u ċentru ta' riċerka li fiha numru kbir ta' ġurnali u kotba u għażla ta' materjal awdjoviziv.

L-ITS għandhom wkoll laboratorju tat-taħriġ fil-*Front Office* li hu ddisinjat biex joffri lill-istudenti ċ-ċans li jipprattikaw f'ambjent li jixbaħ ir-*reception* area ta' stabbiliment kummerċjali. Fl-ITS wieħed issib ukoll Laboratorju ta' aġenzija ta' l-ivvjaġġar li jinkludi bank tat-taħriġ mfassal fuq dak li wieħed issib fid-dinja tax-xogħol.

L-ITS toffri ukoll kors f'*housekeeping*. L-istudenti li japplikaw għal dan il-kors għandhom aċċess għall-kamra tat-taħriġ iddisinjata fuq wahda ta' ħotel ta' ħames stillel bil-faċilitajiet kollha li wieħed isib f'lukanda ta' dan il-livell. Dan il-kors jinkludi taħriġ prattiku fit-tindif tal-kamra tas-sodda u tal-banju, fis-supervizjoni u f'kif wieħed iġib ruħu mal-klijent.

**L-ITS joffru programmi ta' studju** li jwasslu ghal certifikati u diplomi f'dawn l-oqsma:

**Studji Maniġerjali**

- Hospitality management
- Hotel operations

**Studju Tekniċi Professjonali**

- Accommodation Operations
- Preparazzjoni u Produzzjoni ta' l-ikel
- Servizz ta' Ikel u Xorb

**Studji Turistiċi**

- Sports, Leisure and Recreation
- Travel Agency Operations
- Tour Guiding

Tista' ssib deskrizzjoni kompluta tal-korsijiet u tal-kriterji tad-dħul billi żżur is-sit eletroniku http://its.mitts.net/ jew billi tikseb kopja tal-prospectus ta' studji mill-uffiċċji ta' l-ITS.

**Korsijiet ta' Studju Part-Time**

Minn żmien għal żmien l-ITS toffri numru ta' korsijiet fuq bazi part-time. Dawn ivarjaw minn seminars ta' ġurnata dwar *management* sa korsijiet ta' introduzzjoni għat-turiżmu.

**Kif tapplika**

Tista' tiġbor applikazzjoni mill-uffiċċji ta' l-ITS li jinsabu:

**F'Malta**

| | |
|---|---|
| Indirizz: | **Institute of Tourism Studies, Bajja San Ġorġ San Ġiljan STJ 02 Malta.** |
| Telefon: | 2134 4249 / 50 / 51 / 52 |
| Indirizz elettroniku: | its_help@gov.mt |

**F'Għawdex**

| | |
|---|---|
| Indirizz: | **Institute of Tourism Studies, Triq l-Isqof Buttiġieġ, Qala GSM 103.** |
| Telefon: | 2155 5373 |

## Korsijiet Qosra

Il-Korporazzjoni tat-Taħriġ (ETC) toffri korsijiet maħsuba sabiex jgħinu persuni li qed ifittxu x-xogħol jew xogħol alternattiv u sabiex jakkwistaw jew itejjbu l-ħiliet meħtieġa.

Il-korsijiet isiru fl-ETC Skills Centre f'Ħal Far, l-ETC Training Centre fil-Belt Valletta, jew f'xi postijiet oħra approvat mogħti mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni u organizzazzjonijiet privati. F'Għawdex, il-korsijiet jsiru fl-Uffiċju ta' l-ETC fi Triq l-Imġarr, ix-Xewkija.

**Fost dawn il-korsijiet hemm:**

- Kors tal-Kitba u Qari bil-Malti
- Korsijiet Bażiċi fil-Ħiliet Tekniċi u l-Inġinerija
- Inġinerija Elettronika
- Ħiliet ta' L-Uffiċċju
- Ħiliet ta' kura għall-anzjani
- Kors ta' Ġardinara
- Programm bażiku ta' Management
- Programm dwar l-Iżvilupp tat-Tmexxija
- Kors fl-ECDL
- Il-ħiliet tal-innegozjar
- L-Ippjanar fin-Negozju

**Aktar tagħrif dwar il-korsijiet ta' l-ETC jistgħu jinkisbu:**
Skills Centre (Malta) Telefon: 2220 1606
Skills Centre (Għawdex) Telefon: 2156 2529 / 2156 1513.

## European Computer Driving Licence (ECDL)

European Computer Driving Licence (ECDL) hija l-kwalifika ma' l-Ewropa kollha li tiċċertifika li wieħed għandu tagħrif tal-kunċetti bażiċi tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni (IT) u huwa kapaċi li juża komjuter u jaf juża l-applikazzjonijet komuni tal-kompjuter fuq livell bażiku ta' kompetenza.

L-objettivi ta' l-ECDL huwa li:

- Li tippromwovi u tinkoraġġixxi l-użu tal-kompjuter minn kulħadd
- Li tgħolli il-livell tat-tagħrif dwar l-IT u l-livell tal-kompetenza fl-użu tal-kompjuter u l-applikazzjonijiet komuni tal-kompjuter
- Li tiżgura li dawk li jużaw il-kompjuters jifhmu l-aħjar prattiki u l-vantaġġi ta' l-użu tal-kompjuter
- Li żżid il-produttività ta' l-impjegati kollha li jużaw il-kompjuters fix-xogħol tagħhom
- Li jinkisbu l-aħjar riżultati mill-użu ta' l-IT
- Li tipprovdi kwalifika bażika għall-kulħadd.

## ECDL

Is-sillabu ta' l-ECDL huwa maħsub li jkopri l-kunċetti ewlenin tal-użu tal-kompjuters, l-applikazzjonijiet prattiċi u l-użu tagħhom fil-post tax-xogħol u fis-soċjetà in ġenerali. Huwa maqsum f'seba' modules, li wieħed irid jgħaddi minnhom sabiex jingħata ċ-ċertifikat ta'  l-ECDL.

**Is-seba' modules li jiffurmaw l-ECDL huma:**

1. Il-kunċetti bażiċi ta' l-IT
2. L-użu tal-kompjuters u l-immaniġġjar tal-fajls
3. Word processing
4. Spreadsheets
5. Database
6. Preżentazzjoni
7. Informazzjoni u Komunikazzjoni

Il-kandidati jiksbu logbook għall-modules kollha. Hekk kif wieħed jgħaddi minn module, il-korp akkredidat biex jagħmel it-test jiffirma l-*logbook*. Il-*modules* jistgħu jittieħdu fi kwalunkwe ordni u fuq perjodu ta' żmien (sa tliet snin) - anke kollha fl-istess waqt - u b'hekk hemm flessibiltà. Meta l-kandidat jgħaddi b'suċċess il-*modules* kollha, il-logbook jiġu mibdul ma' ċertifikat. Għaliex l-ECDL huwa importanti?

L-ECDL huwa utli għall-individwi għax jipprovdi ħiliet bażiċi ta' tagħrif li jżid l-prospetti soċjali u li wieħed jimpjega ruħu fis-setturi kollha tal-komunità. Il-kisba ta' l-ECDL qed tkun meqjusa aktar u aktar bħala l-livell li permezz tiegħu min iħaddem qed ikejjel il-kompetenza fil-kompjuter ta' l-istaff preżenti u potenzjali u li peremzz tiegħu l-istaff jista' jtejjeb il-prospetti ta' l-impjieg u l-opportunitajiet futur ta' xogħol.

**Għal aktar informazzjoni tistgħu tikkuntattja lil:**
Night Institute for Further Technical Education (NIFTE) Telefon: 2220 1603 / 5

## Korsijiet għall-Adulti

- Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħazagħ u Impjieg (MEYE)

Id-Dipartiment ta' l-Istudji Ogħla u Edukazzjoni għall-Adulti jagħmilha possibbli ghal kull adult biex jiżviluppa u jtejjeb il-kwalifiki jew kapaċitajiet tiegħu, jitgħallem xi suġġett ġdid jew itejjeb il-livell tal-ħajja permezz ta varjeta ta' korsijiet varji mifruxin f'lokalitajiet f'Malta u Għawdex li ji[u offruti kull sena. Tagħrif dwar dawn il-korsijiet jinsab fil-*prospectus* "Korsijiet għall-Adulti" li jista' jinkiseb mill-Customer Care tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, mill-Kunsilli Lokali, jew minn fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni - www.education.gov.mt kif ukoll minn fuq is-sit elettroniku tal- Korsijiet ta' filg]axija - www.eveningcourses.gov.mt

It-Taqsima tat-Tagħlim għall-Adulti toffri korsijiet fuq kif tiftaħ u tmexxi neġozju privat, studji dwar l-Ewropa (European Studies), il-korsijiet tal-kompjuters u t-teknoloġija, kors fil-Malti, Ingliz u Ġermaniż, u kors ta' litteriżmu bażiku fl-Ingliż ma' għaxar Kunsilli Lokali.
It-Taqsima tat-Tagħlim għall-Adulti tad-Dipartiment ta' l-Istudji Ogħla u Edukazzjoni għall-Adulti tad-

Diviżjoni ta' l-edukazzjoni toffri diversi korsijiet fosthom:

- **Suġġetti Akkademiċi;**
  - Malti
  - Ingliż
  - Ġermaniż
  - Spanjol
  - Taljan
  - Franċiż
  - Bijoloġija
  - Kimika
  - Ekonomija
  - Matematika
  - Ġografija
  - Reliġjon
  - Soċjoloġija
  - Studju Soċjali
  - Storja ta' Malta
- **IT**
  - European Computer Driving Licence (ECDL)
- **Litteriżmu**
  - Kors ta' litteriżmu bażiku fl-Ingliż
  - Kors ta' litteriżmu bażiku fil-Malti
  - Kors bażiku fil-Matematika
- **Snajja**
  - Ganutell
  - Tisjir
  - Ħjata
  - Tatting u Bizzilla
- **Arti Kreattiva**
  - Mużika
  - Drama
- **Suġġetti oħrajn**
  - Żfin
  - Aerobics
  - Korsijiet tas-sbuħija

**Fost iċ-Ċentri fejn qed jinżammu dawn il-korsijiet insibu:**

**Ċentru għall-Edukazzjoni Tul il-Ħajja**
Indirizz: GF Abela Junior College, Misrah G. Debono, Msida
Telefon: 2141 1856 / 2143 536

**Skola ta' l-Arti**
Indirizz: 106, Triq l-Ifran, Valletta
Telefon: 2123 4351

**Kif ukoll diversi Skejjel Primarji u Sekondarji, u Kunsilli Lokali fosthom:**

- Kunsill Lokali tar-Rabat
- Kunsill Lokali tal-Gzira
- Kunsill Lokali tal-Kalkara
- Kunsill Lokali tal-Mosta
- Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi
- Kunsill Lokali taż-Żejtun
- Kunsill Lokali tal-Fgura
- Kunsill Lokali tal-Gudja
- Kunsill Lokali ta' l-Iklin
- Kunsill Lokali tan-Naxxar
- Kunsill Lokali ta' Ħaż- Żebbuġ
- Kunsill Lokali taż-Żurrieq

L-aspett edukattiv tar-residenti huwa wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant, matul dawn is-snin, il-Kunsilli qed jieħdu ħsieb li jorganizzaw numru ta' korsijiet u taħditiet kemm għall-kbar kif ukoll għat-tfal. Il-korsijiet li nzammu jvarjaw bejn dawk akkademiċi u oħrajn li jinvolvu xi snajja, filwaqt li t-taħdidiet ikopru suġġetti varji mmirati lejn persuni adulti.

**Fost il-korsijiet li jiġu offruti mill-Kunsilli Lokali insibu:**

- Kompjuter
- Personal Empowerment
- Yoga
- Snajja
- Ganutell
- Keep-Fit
- L-Ewwel Għajnuna (First Aid) għall-adulti
- Taħdidiet

**Għal aktar informazzjoni:**

**Sezzjoni tat-Tagħlim għall-Adulti (Malta).** Telefon: 2122 6012

**Sezzjoni tat-Tagħlim għall-Adulti (Għawdex).** Telefon: 2156 2433
Indirizz elettroniku: lifelong.learning@gov.mt
Sit elettroniku: www.eveningclasses.gov.mt

## • Il- Kunsill Nazzjonali tan-Nisa (NCW)

Il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa jorganizza taħdidiet, diskussjonijiet u seminars kif ukoll korsijiet dwar kif tibda negozju, kif tmexxi Azjenda, public speaking u korsijiet għal ġenituri dwar it-trobija ta' l-ulied.

Fil-preżent qed isiru diversi korsijiet ta taħriġ għal kbar, fiċ-ċentru tal-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa fil-Blata l-Bajda. Dawn huma:

- Ingliz baziku ghal dawk li hargu mill-iskola kmieni u jixtiequ jakwistaw certifikat.
- Korsijiet tal-komputer matul il-gurnata "My Web"
- Korsijiet tal-komputer filgħaxija li jwasslu għaċ-ċertifikat ECDL
- Kors għan-nisa li jixtiequ jsibu impieg - imniegħed mil-Korporazzjoni ta' l-Impiegi u Taħriġ
- Kors ieħor huwa kif ittejjeb il-ħsieb. L-ewwel wieħed sar fi Frar 2006 u kien suċċess kbir. Għalhekk ser isir ieħor dalwaqt. Dan il-kors jista' jattendi għalih kulħadd.

**Għal aktar informazzjoni:**
**Kunsill Nazzjonali tan-Nisa (NCW)**
Indirizz: Pope Pius XII Flats, Triq Mountbatten Blata l-Bajda HMR 02.
Telefon: 2124 8881 / 2124 6982
Indirizz elettroniku: ncwmalta@camline.net.mt
Sit elettroniku: www.ncwmalta.com

## • Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM)

Il-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM) torganizza diversi korsijiet għall-adulti. Fil-preżent qed isiru korsijiet bażiċi fil-Malti fil-Kwartieri Ġenerali tal-UĦM.

**Għal aktar informazzjoni:**
**Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM)**
Indirizz: 'Dar Reggie Miller', Triq San Tumas, Furjana VLT 15
Telefon: 2122 0847, 2123 4801, 2123 6484
Indirizz elettroniku: info@uhm.org.mt
Sit elettroniku: www.uhm.org.mt

## • General Workers' Union (GWU)

Il-General Workers' Union (GWU) torganizza taħdidiet, diskussjonijiet, seminars u Educafe kif ukoll diversi korsijiet għall-pubbliku. Dawn il-korsijiet jinkludu:

- Lingwi
- Artiġjanat u ħiliet
- Informatika
- Tmexxija
- Skola ġenerali
- Mużika
- Arti u drama
- Saħħa u sigurtà
- Akkademiċi
- Korsijiet oħrajn

Fil-preżent qed isiru diversi korsijiet ta' taħriġ għal kbar, fil-Kwartieri Ġenerali tal-General Workers' Union (GWU). Dawn huma:

- Liġi industrijali
- Kompjuter
- Hjata (korss avvanzat)
- ECDL
- Bizzilla
- Hjata tal-purtieri (kors avvanzat)

**Għal aktar informazzjoni:**
**General Workers' Union (GWU)**
Indirizz: Workers Memorial Building, Triq in-Nofsinhar, Valletta VLT 11
Telefon: 2124 4451
Indirizz elettroniku: info@gwu.org.mt
Sit elettroniku: www.gwu.org.mt

**Ghal aktar informazzjoni fuq xi wieħed mill-korsijiet offruti ikklikkja fuq il-kors li jinteressak fejn tista' wkoll tirreġistra b'mod elettroniku.**

# bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja





# bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja

## Naħdem… U Kif!

### Programm edukattiv dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja, edukazzjoni u taħrig, l-għażla għall-karriera tiegħek, u aktar!

TVM - Nhar ta' Erbgħa fis-18.10 b'ripetizzjoni nhar ta' Ħamis fl-10.30

Education 22 - nhar ta' Ġimgħa fit-08.15

Programm tar-Radju - Radju Malta 1 - nhar ta' Ħamis fit-15.30

Jixxandar ukoll fuq: Smash TV - Nhar ta' Ħamis fis-13.30

Super 1 - Nhar ta' Ħamis fis-13.30 | Net TV - Nhar ta' Ħamis fis-13.45